MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 26/2003

**Avviz numru 26/2003DM**

**Arjakon Limited**

**Vs**

**Edwin Bonello**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) bilanc minn somma akbar rappresentanti prezz u installazzjoni ta' air conditioning unti mibjugha u kkonsennjati lid-debitur fuq ordni tieghu stess flimkien mal-imghax mill-31 ta' Lulju 2002.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri legali u tal-mandat ta' sekwestri presentat fil-14 Jannar 2003 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghax legali b'effett mill-31 ta' Lulju 2001;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------